# Santa Venera u l-Eremiti

**Kitba ta' Lorenzo Zahra**

Ftit huma dawk li jafu li f'nofs is-seklu 18, fil-Knisja rurali ta' Santa Venera kienu ġew fiha għadd ta' rhieb li hemm riedu jwaqqfu eremitaġġ biex jgħixu l-ħajja spiritwali.

Dan isemmieh il-Kappillan Konventwali Fra Gaetano Reboul, Saċerdot Malti li kien ir-rettur tal-Knisja San Nikola fil-Fortizza ta' Rikasli li allura kienet tagħmel mal-Parroċċa San Lawrenz tal-Birgu. Fra Gaetano ħallilna djarju ta' interess għax isemmi ċerti ġrajjiet li ftit nafu bihom. Id-djarju tiegħu jinsab f'Manuskritt Numru 20 tal-Biblioteka mmarkat u miġbur minn Dun Ignazio Saverio Mifsud u l-ktieb imsejjaħ Stromatum.

Jgħidilna li f'April 1742 ġie jirtira fil-knisja li kienet fil-kampanja dedikata lil Santa Venera Martri, Giacomo Rivas li flimkien ma' xi oħrajn kiseb il-permess biex jgħixu ħajja ta' eremiti. Kien għalhekk li ħaseb biex għamel dormitorju u ta' bidu biex jibni monasteru għalihom.

Wieħed jikkonferma dan ukoll billi fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Mons. Alpheran fis-sena 1747, iġifieri xi ħames snin wara, insiru nafu li fil-Knisja li kienu jieħdu ħsiebha kellhom tlett artali u kienu jiċċelebraw il-festa tal-Qaddisa bil-Vespri u quddiesa solenni. Jingħad li l-knisja kellha tlett artali, iġifieri l-maġġur u tnejn laterali li kienu dedikati wieħed lill-Kurċifiss u l-ieħor l-Immakulata Verġni bil-qaddisin San Filep, San Gejtanu, San Franġisk, San Pawl u Sant' Andrija Avellino.

Il-Visitatur isemmi lill-eremiti: Fra Ġwakkin, Fra Franġisku Saverju, u Fra Giuseppe ta' San Franġisk minn Siracusa. Jgħidilna li kienu jilbsu libsa bajda bil-kapoċċ u li kienu jgħixu fil-bini li kienu bnew ftit qabel.

Minn dawn naraw ġa l-qima mxettla lejn il-qaddisa Martri Santa Venera tiġi meqjuma mill-eremiti. Dan ifisser li l-inħawi, allura jagħmlu mal-Parroċċa ta' Birkirkara, kienu fil-kampanja maqtugħin mill-abitat biex dawn setgħu jgħixu l-ħajja ta' eremiti. Wieħed ma' jonqosx jinnota li San Gejtanu, magħżul patrun tal-Ħamrun aktar minn mitt sena wara ġa kien meqjum f'din il-knisja ta' Santa Venera.